MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru. 775/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Agius bin Saviour u Salvina nee' Zammit, imwieled fl-10 ta' Marzu, 1984 u residenti 4, Triq il-Kappillan Frangisk Vella, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 16684(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Agius li gie akkuzat talli nhar il-20.07.2007 ghall-habta ta' 01:00a.m. waqt li kien fi fl-inhawi ta' Ghajn Mhellel limiti taz-Zebbug, Ghawdex kellu fil-pussess jew taht il-kontroll

tieghu jew garr barra xi fond jew fid-ditorni arma tan-nar tal-marka Benelli bin-numru M491274 u minizzjon, jigifieri 21 skartocc minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi Kap 480 5(1):

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art 5(1) u 52(2) tal-Kap. 480;
Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Fuq ammissjoni u wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------